KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA
29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512
TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606
E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt
WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt

Minuti tas-seduta numru tnejn u għoxrin (22) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM), li nżammet nhar it-Tlieta, 22 ta' April, 2014, fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill fis-6:10pm.

| | | |
|---|---|---|
| PREZENTI: | Nicholas Briffa | Sindku |
| | Charlene Zammit | Viċi Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Ezekuttiv |
| ASSENTI: | Michel Farrugia | Kunsillier |
| | Maria Zammit | Ambaxxatur |

1. Is-Sindku ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

2. Saru l-korrezzjonijiet tal-minuti tal-laqgħa preċedenti skont kif jidhru fuq il-kopja oriġinali magħmula mill-kunsillieri Paul Spiteri, Grace Marie Mallia u Charlene Zammit, wara li dawn ittieħdu bħala moqrija. Is-Sindku ressaq il-minuti għall-approvazzjoni filwaqt li Grace Marie Mallia issekondat u dawn għaddew unanimament u wkoll ġew approvati u ffirmati.

PUNTI MILL-MINUTI

3. Fil-punti mil-minuti issemmew il-proġett tal-ġibjun eżistenti, fejn is-Sindku qal li l-perit qed jaħdem fuq l-istimi.

4. Issemma' l-kont tal-Asfaltar Ltd, fejn is-Sindku qal li s'issa m'għandniex *feedback*.

5. Issemma wkoll il-Fond għat-Titjib Urban, fejn is-Sindku qal li dik id-deċizjoni tal-bord tal-MEPA għat-teħid tal-fondi biex jagħmlu tajjeb għall-ilqugħ tal-plots miftuħa, se tkun imreġġa' lura. Is-Sindku talab lis-SE sabiex jara jekk żdiedx il-bilanċ ta' dan il-fond, għaliex hu qal li dan il-bilanċ kollu kemm hu se jmur biex jagħmel tajjeb għall-ispejjeż involuti fir-rikostruzzjoni tal-ġnien ta' Misraħ il-Fidwa.

6. Dwar il-paġna fuq il-*facebook*, is-Sindku qal li din se ssir billi se tinfetaħ waħda fejn il-*postings* se jkunu jistgħu isiru mill-KLM u mhux se jkun tollerat *chatting*. Is-SE qal li bir-rizorsi limitati li għandna fl-uffiċċju, mhux possibbli li din tkun kull jum *updated* filwaqt li hu qal li mhux se jieħu lmenti li jidħlu mill-*comments* tal-pubbliku għaliex l-ilmenti jridu jkunu segwiti mis-sistema tal-*customer care* apposta li għandhom il-Kunsilli Lokali skont il-liġi. Intant is-Sindku qal li l-fuljett hu limitat u ma tantx hemm fejn iż-żgħażagħ jiktbu fit-tul biex iwasslu l-messaġġi tagħhom. Paul Spiteri qal li hu ma' joġġezzjonax illi ssir paġna fuq il-*facebook* iżda dan irid jintuża tajjeb. Charlene Zammit saħqet illi din il-paġna għandha tkun immaniġjata mill-istaff tal-KLM.

7. Dwar il-Kunsill taż-żgħażagħ, Charlene Zammit qalet li dan sfortunatament ma ltaqax nhar id-9 t'April, minkejja li s-SE li inzerta l-uffiċċju tard, qal li tfaċċat tfajla għal-laqgħa. Charlene Zammit ippreċiżat li kulħadd kien infurmat mill-*Youth Worker,* Antoinette Aquilina, li l-laqgħa kienet posposta għal ġimgħa ta' wara minħabba l-attivita' tal-Kunsill, *L-Imsallab fi Triqatna.* Charlene Zammit qalet li dawn se jerġgħu jiltaqgħu din il-ġimgħa u imbgħad jerġgħu jiltaqgħu f'Lulju, dawn se jieħdu *break* minħabba l-eżamijiet.

8. Is-Sindku ippropona li ċ-ċertifikati tal-parteċipanti kemm tal-*cake decoration* kif ukoll tal-ewwel għajnuna għandhom jitqassmu fil-ħin tal-laqgħa li jmiss, jiġifieri nhar it-13 ta' Mejju fis-6:00pm.

9. Nicholas Briffa rega' semma' l-applikazzjoni tal-iskema għall-*Accessibility Award*, u qal li nafu li l-awtoritajiet irċevew l-applikazzjoni tagħna.

10. Dwar l-immaniġġjar tat-traffiku, f'toroq arterjali, is-Sindku qal li wara li bagħtna t-talbiet tagħna, għada ġejja fl-uffiċċju muniċipali, Ms Joanne Debono Grech minn *Transport Malta (TM)*, fl-10:30am, ħalli nuruha eżatt fejn hemm il-problemi b'viżta fuq il-postijiet li naħsbu li jista' jkun hemm titjib fihom. Paul Spiteri qal li fejn il-*Convenience Shop* ġara inċident, għax qed jipparjkaw anke fuq il-*yellow line* u mhux qed tkun infurzata biżżejjed il-liġi. Hu qal li għandna nieħdu parir tal-TM.. Grace Marie Mallia qalet illi ħafna qed jilmentaw li hemm il-bogħod għal-*lights* filwaqt li hemm bżonn li jsir xi ħaġa fi Triq tas-Sejba. Is-Sindku sostna illi għada se niddiskutu dawn il-problemi kollha speċjalment dawk fit-toroq arterjali, mad-Direttorat għall-Immaniġjar tat-Trafiku TM. Hu rrefera għall-konferenza dwar *road safety* li nżammet mill-istess Transport Malta u qal talab lill-istess TM jgħidulna min hu responsabbli mit-toroq distributorji, fejn dawn qalu li huma responsabbli għalihom. Charlene Zammit ipproponiet *zebra crossing* fit-tarf ta' Triq Karmenu Ciantar għan-naħa ta' Triq il-Franka. Hawn is-Sindku qal li f'din il-parti tar-raħal diġa' hemm pjanta lesta u għada nistgħu inkellmuhom fuqha.

11. F'dan il-waqt issemma' l-*outdoor gym* propost fir-raħal tagħna u s-Sindku semma' ir-*reshuffle* li sar fil-*cabinet* fejn issa bħala Segretarju Parlamentari għandna lill-Onor Buontempo. Nicholas Briffa qal li kellu laqgħa mhux uffiċjali miegħu u dan se jirreferina għall-Ministru tal-Isports. Hawn saret referenza għad-dramm tal-Passjoni, l-*Imsallab fi Triqatna*, fejn is-Sindku qal li s-Segretarju Parlamentari għoġbitu u bagħtnielu *e-mail* biex ninfurmawh bl-ispejjeż. Hawn intqal li din l-attivita' reliġjuza għamilniha din is-sena għall-ewwel darba. Is-Sindku qal li hu fil-passat kellu konnessjoni ma dan il-grupp, *Għaqda Dilettanti Ġimgħa l-Kbira Għawdex* u dawn tawna wirja tajba. Madankollu s-Sindku qal li mhux *fair* illi ma jingħatawx fondi nazzjonali għal attivita' reliġjuża. Nicholas Briffa qal li hu għamel ħiltu u rringrazzja lill-*One Productions* kif ukoll lill-*PBS* għall-promozzjoni li tawna, filwaqt li rringrazzja lill-parteċipanti illi dawn irmaw u żarmaw kollox f'ħin qasir biex ħolqu l-inqas skumdita' lill-pubbliku inġenerali billi anke dawn damu sas-1:00am. Is-Sindku qal li l-KLM ittrattahom tajjeb u Grace Marie Mallia issuġġeriet li nibgħatu ittra ta' ringrazzjament lill-Julia Farrugia tas-sehem volontarju tagħha biex dilket il-ħobż, u oħra lill-Kappillan. Paul Spiteri qal li kien hemm *feedback* pożittiv mill-pubbliku inġenerali għal din l-attivita', minkejja li kien hemm kritika żgħira minħabba li l-palkijiet kienu ftit baxxi u l-folla ma tantx setgħet issegwi. Is-Sindku qal li issa dan il-grupp qed jistieden lilu nnifsu (b'mod informali) filwaqt li nistgħu nikkunsidraw l-użu ta' *big screen* u r-*roving cameras* isegwu x-xeni kollha il-ħin kollu. Grace Marie Mallia qalet illi nistgħu nagħmlu aktar dwar il-*props* għaliex taħseb li madwar il-mejda tal-appostli għandu jkun hemm il-barikati li jżommu l-folla lura. Is-Sindku qal li l-fatt li attendew ħafna nies u kien hemm il-Pjazza tal-Knisja ippakkjata, ma kienx hemm post għal dawn il-*barriers* u l-artisti setgħu imissu man-nies.

12. Nicholas Briffa qal illi l-kunsill ħadem kollu kemm hu għall-attivita' *L-Imsallab fi Triqatna* u minkejja li tqatta' l-*bill-board,* erġajna tlabna lill-*AF Signs* li dan minn naħa tiegħu reġa' għamel il-*bill-board* b'xejn u minn naħa tagħna bagħtnielhom ittra ta' ringrazzjament.

Intant Paul Spiteri qal li għandna nirriżervaw spazju fil-fuljett ħalli nirringrazzjaw lil dawn in-nies.

13. Intant, Paul Spiteri irringrazzja u faħħar l-inizjattiva tas-Sindku, fejn tajna l-appoġġ lill-kantanta Federica Falzon li pparteċipat fuq il-programm tar-*Rai* u ġejna nfurmati illi l-
13. Gvern se jgħin lill-familja tagħha. Dan għaliex nhar is-Sibt li għadda Federica Falzon kisbet riżultati tajbin u b'hekk is-Sindku flimkien ma' dak ta' Ħal Safi, ħass li kellu jmur jilqagħha fl-ajruport. Is-Sindku qal li minn naħa tagħna se nagħtuha rikonoxximent f'Jum l-Imqabba 2014.

14. Is-Sindku rrefera' għall-għotja ta' €1,000, tar-Reġjun tan-Nofsinhar f'kotba. Hu qal li l-bieraħ saret konferenza stampa u din indirizzaha s-Segretarju Parlamentari tal-kunsilli lokali. Nicholas Briffa qal li r-Reġjuni għaddejjin minn perjodu infeliċi, għaliex ir-rwol tagħhom għadu ma ġiex stabbilit. Madankollu l-inizjattiva li ħa r-Reġjun tan-Nofsinhar li jgħin lill-*Football Nurseries* b'€500 u issa wkoll l-inizjattiva ta' twaħħil ta' *cctv cameras,* huma ferm pozittivi, kif inhi ukoll dik tal-għotja tal-kotba għal-librerija. Hawn sar suġġeriment illi norganizzaw sezzjoni/jiet ta' *story telling* fl-Iskola. Dwar dan, Charlene Zammit qalet illi minkejja li kif qal is-Sindku, li diġa' qed tagħmel din l-attivita' l-Kap tal-Iskola, xorta hemm spazju biex din tirrepeti ruħa f'ħinijiet barra minn dak tal-iskola. Paul Spiteri qal illi irridu nagħtu wkoll promozzjoni lill-*book box,* sabiex din tkun tista' tintuza aħjar. Grace Marie Mallia ssuġġeriet biex issir attivita' letterarja fil-ġonna tar-raħal.

15. Dwar il-garigor tal-ħaġar li tawna stima tiegħu ta' Agius Stone Works, intqal illi dawn se jużaw l-istess turġien, minkejja li iridu jsiru xi waħda jew tnejn ġodda. Intant l-istima hija waħda li qabzet it-*treshold* tad-*direct order* u għaldaqstant se jkollna noħorġu l-avvizi fil-gazzetta tal-gvern ħalli nikkunsidraw tliet stimi. Intant il-kunsillieri avzaw lis-SE sabiex ineħħi l-ammonti miċ-ċedola tal-pagamenti numru 480/39 biex il-bidders l-oħra ma jkunux jafu l-ammont.

16. Is-Sindku qal illi l-lampi l-maqtuha li kienu irrappurtati fil-ġonna kif ukoll quddiem il-każin tal-futbol, issa ġew imsewwija.

17. Nicholas Briffa qal illi twaħħal il-bank fi Triq Karmenu Ciantar u sar ukoll xi xogħol fid-dwal tat-toroq. Fosthom is-*shifting* tal-*flood light* fil-Pjazza tal-Knisja u postijiet oħra. Intant ir-*roundabout* fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti għandha l-lampi mitfija, aktarx minħabba xi ħsarat li ġarrab *underground cable* fejn kellhom ukoll jagħmlu rapport tal-Environmental Landscapes Consortium minħabba li l-kuntrattur tal-Korporazzjoni Enemalta ħarbtilhom ix-xtieli u l-*irrigation pipes*.

18. Saret referenza għal dak li kien qal Michel Farrugia fis-seduta preċedenti, dwar in-nar tal-art u l-Każin Madonna tal-Ġilju. Is-Sindku qal li kien irċieva talba formali minn għand Keith Dingli (responsabbli min-nar tal-art) u dan ta lis-SE propju fil-laqgħa, biex dawn jibdew jarmaw in-nar tal-art fi Triq Karmenu Ciantar, kantuniera ma' Triq il-Konvoj ta' Santa Marija. Is-SE staqsa jekk hux se jaffettwa l-kabbani li fil-passat minn dejjem kienu jarmaw f'dan l-aqwa post. Is-Sindku irrisponda fl-affermattiv u qal li għandhom jersqu kollha lura u jinqalgħu dawk li ġew l-aħħar għaliex dawn is-sidien li se jkunu affettwati huma propju dawk li ilhom l-aktar jarmaw fl-Imqabba. Intant fl-istess e-mail is-Soċjeta' talbet biex naqilgħu is-siġar li hemm fil-maqrut fi Triq Karmenu Ciantar għax qed jgħidu li dawn huma ta' deterrent għas-saħħa pubblika.

19. Is-Sindku avża lill-kunsillieri illi kemm hu kif ukoll is-SE attendew is-Seminar organizzat mill-Malta Tourisim Authority bl-isem Facilitating tourism in the Mediterranean Region..

20. Is-Sindku avża wkoll lill-kunsillieri illi kemm hu kif ukoll is-SE attendew il-Workshop organizzat mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar ir-road maintenance mill-kumpanija Rodeco. Din it-teknika ġdida li ssir permezz ta' vettura waħda tibbaża fuq ir-riċiklar tal-materjal eżistenti li jinsab fit-triq stess. Madankollu din il-kumpanija ma pprovdietx costings għal din il-manutenzjoni.

21. Is-Sindku qal li dal-għodu is-SE bagħat ilment akkumpanjat b'ritratt li juri xogħol ta' reinstatement ħażin li sar fi Triq il-Ħarriġiet fuq servizz tal-ilma. Hu qal li dan ir-reinstatement tant sar ħażin illi kien jixbaħ forma ta' mappa u fuq kollox il-ħaddiema ħallew il-materjal fit-triq li sar tajn bl-ilma u trab fin fin-nixfa.

22. Dwar il-ħarġa preċedenti tal-fuljett, is-Sindku qal li dan tqassam fil-ħin.

23. Is-Sindku ta' l-permess biex il-kumpanija Darci production jibdew jiffilmjaw il-produzzjoni tagħhom.,

24. Dwar il-proġett tal-irħula viċin mill-Awtorita' Maltija tat-Turiżmu, issa twaqqaf central management committee u l-aħħar laqgħa saret fil-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi filwaqt li ż-Żurrieq issa m'għadux jitqies villaġġ għaliex kiber ferm u fuq kollox dawn ma kienux qed jattendu l-laqgħat. Il-minuti li ntbagħtu tal-aħħar laqgħa ġew iċċirkulati mill-uffiċċju lill-kunsillieri.

AGENDA

25. Nicholas Briffa ressaq għall-approvazzjoni r-revised Audited Financial Statements u Grace Marie Mallia issekondat u dawn għaddew unanimament. Dawn ir-revised Audit Financial Statements għas-sena 2013 kienu prodotti mill-Accountant tagħna skont kif ipproponew *Grant Thornton* u għada se jiġu ffirmati u jerġa jmur bihom is-SE għand l-istess kumpanija biex dawn jgħadduhom lill-Awditur Ġenerali. Intant kien ukoll approvat ir-rapport finanzjarju Ottubru – Diċembru, 2013. Dwar dawn is-sindku qal li nistgħu naraw li n-*net effect* fuq l-*income* u l-*expenditure* tas-sena li għaddiet mhix figura fenomenali u wieħed ma jistax jinjora l-eluf kbar ta' Ewro f'depprezzament. Dan fl-isfond tax-xogħol li sar mil-leġislatura preċedenti li qed jinqata' issa. Dan jirrifletti fid-*deferred income* li wkoll ġejja minn proġetti passati. F'ċirkustanzi bħal dawn id-deprezzament fl-ewwel snin ikunu ammonti kbar minħabba li hi bbażata fuq *reducing method.* Is-sindku qal li se jkun qed iservi fuq kumitat finanzjarju tal-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u ser ikun qed jikkontribwixxi dwar l-IFRSs. Hu qal li fejn tidħol *cashflow*, l-awditur qed jitkellem fuqha minhabba li rridu inħallsu x-xogħol tal-leġislatura l-oħra li kienu €120,000 u illum qiegħdin b'€50,000 f'nuqqas ta' *cashflow*. Hu qal li qed naħdmu biex dan ix-*shortage* jinqata' u din is-sena se nkomplu nħallsu lill-kuntratturi. Nicholas Briffa qal li jekk tara l-figuri at *phase value*, dan mhux *deficit*. Paul Spiteri sostna li dan kien *planned and approved.*

26. Bi tħejjija għall-*Imqabba Youth Challenge* 2014, iridu jsiru t-trophys u Charlene Żammit qalet illi hemm erbgħin parteċipant. Hija qalet li biex jinġabru l-parteċipanti kellna l-għajnuna ta' nursery u l-*gym* tal-Imqabba u s-soċjetajiet muikali tar-raħal. Hija qalet li Veritas Press għamlu l-posters, pero' dawn ma twaħħlux fil-ħin għand tal-ħwienet u fin-*notice boards* tal-Kunsill u għaldaqstant hija diżappuntata ħafna. Intant saret promozzjoni billi inqara' l-avviż fil-knisja u Josef Farrugia kellu jdaħħal 1100 *flyer* fil-fuljetti tal-Kunsill wara li dawn saru permezz ta' kopji fotostatiċi mill-uffiċċju. Hija qalet li rnexxielha ġġib

tmintax-il sponsor li se jagħtuna ikel, *soft drinks*, ilma u kotba b'xejn. Intant kien deċiż illi jsiru sitt midalji u *sitt trophys*. Paul Spiteri qal li kien hemm ħafna għajnuna mill-club tal-football.

27. Grace Marie Mallia qalet illi għall-ħarġiet t'Għawdex kellha problema bil-gurnata 28 ta' Mejju minħabba l-istabbiliment tal-ikel. Intant kien konfermat li d-dar ta' Karmni Grima issa qed jilqgħu in-nies fiha kontra pagament li ma kienx mistenni u mdaħħal fil-costings ta' €2 kull persuna. Intant l-uffiċċju diġa' ħa bookings ta' erbgħin persuna għal-ħarġa tal-14 ta' Mejju u l-ammont se nniżżluh għal tnejn u ħamsin biss u mhux sebgħin..

28. Dwar il-progress fix-xogħol ta' Misraħ il-Fidwa, saru t-trinek kollha għal-wires tal-lampi, u twaħħlet id-*distribution box* u l-kuntrattur se jispiċċa l-formazzjoni l-ġdida tal-kurduna. Il-Perit ġiet il-bieraħ biex tissorvelja x-xogħol ,filwaqt li minħabba li l-arbli tad-dwal tal-istima ta' Nexos Street Lighting kienu ta' €1,300-il wieħed dawn isse se jkunu qed jinħadmu mill-ħaddiema tal-IPSL skont is-*sample* li kien għal-wiri fil-bitħa tal-Kunsill u dawn ser jiġu jiswew €1,300 għal tnax-il arblu u b'hekk ser jiġu ffrankati mat-€13,000. Is-Sindku qal li l-ispejjeż tal-ħadid involut jidher fiċ-ċedola tal-pagamenti 480, items 10 u 40. Is-Sindku qal li s-*cement tiles* diġa' konna qbilna fuqhom u se noħolqu r-rampi. Sadanittant se nixtru l-bankijiet tal-iroko skont l-istima li kienet intgħażlet fl-2013 minn għand Anton Zarb kif diġa' xtrajna għal postijiet oħra. Biex innaqqsu l-inkonvenjent għar-residenti, se nippruvaw innaqqsu l-ħin li fih se jsir ix-xogħol.

29. Qed nimmoniterjaw ir-roħs li hu previst li se jkun hemm bl-istallazzjoni tat-telefonija issa mal-kumpanija Ozone u s-SE qal li qed nistennew l-ewwel kont, għaliex s'issa għadna ma nafux jekk hux qed jablilna li qlibna magħhom u ma jistgħux isiru costings qabel il-ħruġ tal-kont.

30. Charlene Zammit ikkummentat dwar item 16 taċ-ċedola tal-pagamenti illi jidher li l-KLM qed jagħti ktejjeb lill-Kyle Dyer f'kompetizzjoni organizzata mill-MCAST u li għaċ-ċerimonja attendiet hi flok is-Sindku li ma setgħax jattendi. Is-SE qal li dawn huma mdaħħlin mhux għax se jitħallsu, iżda biex jinqatgħu mill-istock.

31. Il-*Payment Approval Scheet* numru 480 tressqet għall-vot, bis-Sindku jipproponiha, Charlene Zammit tissekonda u tgħaddi unanimament.

32. Nicholas Briffa qal li estendejna d-dawl fit-triq tal-Isqof, u kien hemm xi ħadd voluntier li għen billi pprova jibni ħajt, filwaqt li hekk kif jgħaddi l-underground cable (għax ODZ) se jsejjaħ lill-Inġinier Reuben Borg li diġa' irrakkomandalna illi napplikaw fuq l-STL Forms bħalma se jintbgħatu fil-każ tax-shifting tas-central hanging lamp fi Triq Sta Katerina biex ikun jista' jitla' dritt il-pavaljun tal-festa, dik ta' Triq il-Murselli biex indaħħlu lampa addizzjonali kif ukoll biex isiru xogħlijiet ta' kostruzzjoni fil-Pjazza tal-Knisja f'residenza.,

**PUNTI OĦRA**

33. Paul spiteri semma' xogħlijiet li hemm bżonn isiru fl-Isqaq tax-Xatba l-ħamra,filwaqt li s-Sindku semma' l-Green Walk li se tkun organizzata mill-Iskola Primarja tal-Imqabba nhar il-Ġimgħa, 25 ta' April, fejn dawn qed jitolbu l-assistenza tal-Kunsill minħabba t-traffiku qalb it-tfal ċkejknin fi triqthom.

34. Is-Sindku rrakkomanda lill-kull kunsillier biex jattendu l-laqgħa ġenerali annwali tar-Reġjun tan-Nofsinhar li se ssir nhar is-17 ta' Mejju fl-Iskola ta' Ħal Safi.

35. Is-Sindku semma' wkoll l-offerta tajba li rnexxielu jakkwista minn għand TCTC biex isiru l-korsijiet tal-computer għat-tfal fis-Sajf fir-raħal tagħna. Hu qal li se nkunu qed inħallsu €250 u dawn se jkunu żewġ studenti fuq kull computer (erbgħa PCs b'kollox). It-tfal ikunu qed iħallsu €10 għan-noti. Is-Sindku qal li l-kumpanija lesta li tagħmel bil board. Is-SE semma' l-korsijiet tal-IT li se jkunu organizzata fl-Isptar il-Qadim mill-Malta Communications Authority li meta ħadhom jaraw il-post, dawn għoġobhom u saħqu biex issir rampa tal-injam fl-entratura tal-Isptar għax hu mistenni li jiġu bosta studenti anke minn lokalitajiet oħrajn. Intant il-kunsillieri saħqu biex qabel ma niffirmaw il-kuntratt mat-TCTC, ikollhom kopja u żmien biżżejjed biex jevalwawh.,

36. Is-Sindku stieden lil xi ħadd biex jirrappreżentana nhar il-25 t'April f'laqgħa li se ssir mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilita', filwawqt li Grace Marie Mallia talbet biex issir żjara ta' kortesija lill-ET il-President ta' Malta, Marie Luise Coleiro Preca. Hija saħqet ukoll li ninfurmaw lill-Faces Consultants Ltd dwar l-importanza li jinħaslu il-bus shelters fil-lokalita' tagħna.

37. Is-Sindku qal li minħabba l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew, se jkollna nipposponu l-attivita' li konna qed nippjanaw bl-isem ta' Animal Lovers Day.

38. Il-laqgħa ntemmet fid-8.45pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*13/05/2014 minn:* | **Nicholas Briffa**<br>**Sindku** |